**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 23 – 18 ta' Settembru 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 23. Il-laqgħa bdiet fis-6.40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | George Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-publiku preżenti. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsillier George Cortis talab li jkun skużat minħabba mpenji familjari.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 22 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li jkun speċifikat fil-minuti li r-riferenza għal "oħt it-tabib Farrugia" kienet tirriferi għal Dr. Elizabeth Zammit Lupi.

1.3. Il-Kunsillier Philip Said qal li huwa ma jħossux komdu li japprova punti 5.1 sa 5.8 tal-minuti, u punti 5.10 sa 5.15. Il-Kunsillier Said kompla jgħid li huwa kien se jispjega aktar tard ir-raġunijiet tiegħu u jekk ikun sodisfatt bit-tweġibiet li jingħata jirrevedi l-posizzjoni tiegħu. Il-Kunsillier Aquilina qal li huwa ma jaqbilx ma' punt 5 kollu għall-istess raġunijiet tal-Kunsillier Said.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li f' dan l-istadju tal-laqgħa l-Kunsill japprova jekk il-minuti humiex koretti fis-sens li jirriflettu fedelment dak li jkun ġara fil-laqgħa. Is-Sindku Alfred Grixti saqsa lill-Kunsilliera jekk il-minuti kienux jirriflettu dak li ġara fil-laqgħa u jekk iva jipproċedu biex dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier Philip Said qal li l-minuti kienu korretti u jirriflettu dak li ġara imma huwa kien se jivvota kontra għax ma setgħax japprova dak li ntqal.

1.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ressqet mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 22 jiġu approvati hekk kif preżentati. Hi ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsilliera Cain Grech, Catherine Sammut, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Il-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina, Philip Said.

**Astensjonijiet;** Duncan Bartolo.

Il-minuti ġew approvati (106). Il-Kunsillier Duncan Bartolo iddikjara li astjena milli jieħu vot minħabba li ma kienx preżenti għal-laqgħa.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsilliera Catherine Sammut għamlet referenza għal punt 5.2 tal-minuti u talbet li tkun taf għal liema raġuni l-petizzjoni li nġabret mir-residenti ma tresqitx mir-residenti iżda minn Kunsillier. Il-Kunsilliera Sammut staqsiet jekk dan kienx ifisser li l-petizzjoni nġabret fuq suġġeriment tal-istess Kunsillier.

2.1.2. Il-Kunsilliera Sammut talbet li b' referenza għal punt 5.3 tal-minuti titniżżel il-kjarifika li hija talbet li l-familja tagħha tiġi kkonsultata għax kienet taf li Triq Ġdida fi Triq Mikiel Ang Sapiano kien hemm diġa l-ħsieb li tissemma għal Pinu Mifsud u ma ridietx li l-familja tagħha tweġġa lil familja oħra.

2.1.3. Il-Kunsilliera Catherine Sammut irreferiet għal punt 5.9 tal-minuti u qalet li l-petizzjoni li nġabret potenzjalment qegħdha tikser artiklu fil-kodiċi kriminali. Il-Kunsilliera Sammut staqsiet jekk il-Kunsilliera tal-Partit

Nazzjonalista jiġux għal laqgħa tal-Kunsill mingħajr ma jkunu preparati u jaqbdux u jivvutaw bl-addoċċ.

2.1.4. Il-Kunsilliera Sammut għamlet referenza għall-parti ta' punt 5.9 fejn il-Kunsillier Dr. Aquilina jgħid li ma kellux l-intenzjoni li din l-issue ssir ballun politiku. Il-Kunsilliera Sammut qalet li jekk wieħed jaqra l-gazzetta jista' faċilment jikkonkludi li dan ma kienx veru u kien faċli wkoll li wieħed jinduna min ħariġha.

2.1.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf x' tipprevedi l-liġi jekk il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista mhux biss ressqu petizzjoni li potenzjalment tikser artiklu mill-kodiċi kriminali imma wkoll jivvutaw favuriha ?.

2.1.6. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal punt 5.3 tal-minuti fejn hemm referenza li l-mozzjoni kienet skorretta fil-kontenut tagħha. Il-Kunsillier Said irrefera għall-minuti tal-laqgħa tal-5 ta' Ġunju 2012 fejn il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni sabiex Triq Ġdida fi Triq Mikiel Anġ Sapiano tissemma għal Frans Sammut. Il-Kunsillier Said qara l-minuti fejn kien hemm imniżżel li l-Kunsilliera Sammut oġġezzjonat għal din il-mozzjoni u dan ifisser li mhux il-Kunsilliera kollha kienu qegħdin jakkordaw ruħhom ma dik il-mozzjoni u għalhekk ma kienx jaf fejn il-mozzjoni tiegħu kienet skorretta anke fid-dawl tar-riċerka li għamel qabel ma ressaq il-mozzjoni tiegħu.

2.1.7. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal frażi "ħadd mill-Kunsilliera preżenti ma esprima ruħu kontra dan" f' punti 5.4. u kumment simili f' punt 5.5. u qal li dak il-ħin tal-laqgħa hu kien għadu dieħel u kien diġa esprima s-sorprendiment tiegħu li Triq l-Isqof Caruana kollha kellha tinbidel u tissemma għal Frans Sammut.

2.1.8. Il-Kunsillier Philip Said qal li huwa kien qiegħed jagħmel dawn il-punti sabiex pass pass, wieħed jasal għall-verità u mhux b' xi mod konfontazzjonali imma dejjem fi spirtu ta' djalogu bejn il-Kunsilliera u kien għalhekk li dawn il-kummenti qiegħed jagħmilhom waqt il-laqgħa tal-Kunsill u mhux fuq il-mezzi tax-xandir, għalkemm kellu pressjoni biex jagħmel dan. Il-Kunsillier Said kompla jgħid li s-Sindku f' punt 5.6. għamel referenza għall-ktieb tal-Mħallef Bonello u qal li l-istorja turi li l-Isqof Caruana ma kienx bniedem li jagħmel ġieħ għal Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Said qal li meta titkellem fuq l-istorja ma tistax torbot fuq sors wieħed biss u kien hemm ħafna awturi li kitbu b' mod ieħor u li kien importanti li wieħed iħares lejn il-personaġġi fil-kuntest storiku tagħhom. Il-Kunsillier Said qal li fatt isir wieħed storiku minħabba l-fatt innisfsu u mhux ħabba l-personaġġ.

2.1.9. Il-Kunsillier Said għamel referenza għall-frażi 'Kunsill li jisma' li hemm f' punt 5.7 tal-minuti u qal li tisma' jfisser ukoll li tifhem u li ma hemm l-ebda

espressjoni isbaħ milli tilqa dak li tkun smajt, allura ma jistax jifhem kif Kunsill li jisma ma jilqax it-talba tar-residenti. Il-Kunsillier Said kompla jgħid kif jista' s-Sindku jitlob lil sħabu jivvutaw kontra r-rieda tal-maġġoranza tan-nies, kontra l-maġġoranza ta' dawk li tellawgħom.

2.1.10. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għall-fatt li r-residenti jiġu kkonsultati qabel ma jitressqu l-proposti quddiem l-Street Naming Committee u qal li hu jaqbel ma' dan u meta ġie mqabbad jipprepara lista bl-ismijiet ta' toroq huwa kien ikkonsulta mal-każini, u ma nies li huma midħla tal-istorja.

2.1.11. Il-Kunsillier Sammut talbet li tkun taf jekk ġietx preżentata l-Kunsill evidenza ta' xhieda għall-firem li dehru fuq il-petizzjoni li ġiet preżentata fil-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb li l-petizzjoni ġiet preżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill mingħajr ebda dokument ieħor.

2.1.12. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li xtaq jiddikjara fil-bidu tal-intervent tiegħu li huwa ma jrid jattakka lil ħadd b' mod personali, li dan ma kienx stil tiegħu u li ċerti bassezzi jħallihom għal ħaddieħor, u li fl-aħħar l-aqgħa qagħad attent li ma jweġġa' lil ħadd. Huwa kompla jgħid li lilu ħadd ma jħammarlu wiċċu u li jekk hemm xi ħadd li jaħseb li jekk hu jew sħabu Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista, għax resqu petizzjoni miġbura mir-residenti għamlu xi att kriminali, min irid jista' jirrapurtahom lill-pulizija.

2.1.13. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li s-Sindku ma semmiex li kien hemm persunaġġi oħra importanti fl-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ li twieldu jew għexu fi Triq l-Isqof Caruana. Il-Kunsillier Dr. Aquilina semma lil Adeodato Gatt, Antonio Debono, Ganni Bonnici, Amante Attard u Francesco Caruana Dingli. Il-Kunsillier Dr. Aquilina qal ukoll li kien hemm personaġġi oħra Żebbuġin li għalkemm għandhom triq imsemmija għalihom f' inħawi oħra madwar Ħaż-Żebbuġ il-bogħod minn fejn twieldu jew għexu dan sar ukoll fi bliet u rħula oħrajn.

2.1.14. Is-Sindku Alfred Grixti qal li, li kieku jrid jista jwieġeb punt b' punt iżda jemmen li ġie dedikat wisq ħin tal-Kunsill fuq issue li tkabret barra minn kull proporzjon. Madanakollu huwa xtaq jiċċara certu affarijiet. Huwa qal li talab lis-Segretarju biex ilestilu rendikont tal-affarijiet kif żvolġew. Is-Sindku Alfred Grixti rrefera għall-minuti u spjega li f' kull stadju ta' din l-issue huwa dejjem aġġorna lill-Kunsill u qatt ma ħeba xejn u meta uża l-espressjoni li ħadd ma' oġġezzjoni kien qiegħed jgħid hekk għax qatt ma ttieħed vot formali u allura ħadd qatt ma qal formalment li ma jaqbilx. Is-Sindku qal li dak li ma jistax jifhem huwa kif l-argumenti storiċi u argumenti oħrajn li qed jinġiebu issa kif qatt ma nġiebu fil-passat meta din l-issue kienet tiġi diskussa.

2.1.15. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ried jiċċara li jekk kien hemm xi ħadd li biddel jew irriveda l-pożizzjoni tiegħu kienu dawk li l-ewwel qalu li ma jaqblux mal-petizzjonijiet, imma mbagħad ġew u ressqu petizzjoni, jew dawk li l-ewwel qalu li jaqblu li nikkonsultaw mar-residenti imma imbagħad qalu ejja noqgħodu attenti ghax jista' jkun hemm pressjoni mir-residenti biex isem it-triq tagħhom jinbidel.

2.1.16. Is-Sindku Alfred Grixti qal li japprezza l-irġulija tal-Kunsillier Said li meta ġie avviċinat mit-Times kien ikkuntatjah u talbu l-permess biex ikellimhom. Is-Sindku spjega li huwa qal lit-Times bil-mod kif żvolġew l-affarijiet u li qatt ma kien hemm oġġezzjonijiet fil-varji stadji ta' diskussjoni, u li dejjem ibbażа fuq l-aktar ktieb riċenti fuq is-suġġett, jiġifieri dak tal-Imħallef Emertius Giovanni Bonello.

2.1.17. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jrid jiċħad b' mod kategoriku kummenti li dehru fuq il-media li Triq l-Isqof Caruana kienet se tissemma għal Frans Sammut għax dan kien esponent tal-Partit Laburista. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bir-rispett tal-personaġġi l-oħrajn li ssemmew, Frans Sammut kien strumentali sabiex jiftaħ orizzonti ġodda għal-letteratura Maltija speċjalment fejn jidħol il-qasam tar-rumanz u kien għalhekk u mhux għal raġunijiet partiġġjani li qiegħed jipproponi dan u jikkundanna lil kull min daħħal argumenti partiġġjani fuq din l-issue fil-media. Is-Sindku spjega li l-grupp Laburista tal-Kunsill mexa billi ħalla f' idejn l-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu deċiżjoni u hekk se jkompli jagħmel.

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal paġna 176 tal-minuti, punt 2.2 u nforma lill-Kunsill li kiteb lill-Kummissarju fejn talab laqgħa sabiex jiġi diskuss in-nuqqas ta' Spettur fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ.

2.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li b' referenza għall-arbitraġġ ma' Bonnici Bros, il-Kunsill ġie mgħarraf li ġiet avviċinata Dr. Ramona Frendo biex tkun it-tielet arbitru iżda ma kien hemm l-ebda żviluppi oħrajn.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li ġie avviċinat minn xi residenti dwar każ ta' ċittadin Żebbuġi li qiegħed il-ħabs u li ċertament mhux kriminal. Is-Sindku qal li rċieva petizzjoni mingħand is-sur Emanuel Farrugia u s-sur Mario Cilia. Is-Sindku qara l-petizzjoni dwar is-sur Carmelo Falzon. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-kondotta tiegħu hija waħda nadifa għajr għal każ imsemmi fil-petizzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li lis-sur Falzon kulħadd kien jafu u kien jaf li mhux kriminal u għalhekk kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinkiteb ittra lill-President tar-Republika fejn tiġi appoġġjata l-petizzjoni. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li huwa mportanti li jiġi speċifikat li l-Kunsill kien qiegħed jagħmel din it-talba minħabba li kien jaf li l-ammont ta' splussiv li

nstab ma kienx wieħed li jista jikkawża periklu. Il-Kunsilliera ffirmaw il-petizzjoni u qablu li tiġi appoġġata l-petizzjoni.

3.2.1. Il-Kunsillier Cain Grech informa lill-Kunsill li kien hemm żviluppi dwar *l-energy audit* li sar il-Kunsill u b' riżultat ta' dan il-Kunsill kien se jibbenefika billi jiġi mħejji Sustainable Energy Action Plan b' xejn li normalment jammonta għal madwar €3,000 u dan kien ħa jsir mill-Ing. Frederick Azzopardi. Il-Kunsillier Grech kompla jgħid li kien hemm ukoll opportunitajiet sabiex jiġu organizzati laqgħat ta' tgħallim dwar l-enerġija għall-pubbliku.

3.2.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li xtaq jieħu spunt minn dan is-suġġett u jgħid li kien jinħass il-bżonn li l-qasam tal-enerġija jkun fost id-dekasteri u jkun hemm kunsillier li jsegwieh. Is-Sindku qal li bil-permess tal-Kunsill huwa kien qiegħed jassenja dan id-dekasteru lill-Kunsillier Cain Grech anke in vista tal-esperjenza li għandu f' dan is-settur.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Is-Sindku Alfred Grixti talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi aċċertat li l-impjegati li l-ħaddiema kollha mpjegati mill-kuntrattur tat-tindif taż-żoni urbani jkollhom il-permessi kollha neċessarji.

4.3. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li d-default notices li nħarġet fil-konfront tal-kuntrattur tal-knis affetwat għax is-servizz reġa tjieb. Il-Kunsillier Bartolo qal li r-residenti Żebbuġin innutaw titijieb fis-servizz. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsilliera l-proċedura dwar l-ilmenti.

4.4. Il-Kunsillier Cain Grech ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Hu ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Il-Kunsillieri Duncan Bartolo, Cain Grech, Catherine Sammut, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina ivvota favur ħlief fuq punt 6.

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Robert Tabone ivvota favur iżda astejna fuq punt 4.

Il-pagamenti ġew approvati (107)

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-mistoqsijiet mressqa mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina kienu se jitwieġba fis-seduta li jmiss peress li dawn daħlu tard.

5.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut staqsiet lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jekk hi qatt xi darba talbet fondi pubbliċi sabiex tagħmel xi xogħol jew irħama mal-faċċata tad-dar tagħha. Is-Sindku u s-Segretarju ċaħdu dan.

5.3. Il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina nforma lill-Kunsill li avviċinawh xi residenti minn Triq De Rohan li talbu li din it-triq tingħalaq permezz ta' bollard. Il-Kunsillier Dr. Aquilina qal li dawn ġabru xi petizzjoni u se jressaqha lill-Kunsill. Is-Sindku qallu biex jagħmel dan u meta tkun f' idejn il-Kunsill jiġu kkuntatjati wkoll Transport Malta ħalli jagħtu l-opinjoni u l-permess tagħhom peress li hemm ħafna residenti jridu affarijiet differenti.

5.4. Is-Sindku Alfred Grixti stieden lill-Kunsilliera sabiex sat-30 ta' Settembru il-jissottomettu n-nominazzjonijiet tagħhom għal Ġieħ Ħaż-Żebbuġ. Saret diskussjoni dwar il-metodu kif jiġu nominati l-persuni għal dan ir-rikonoxximent.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat-8 ta' Ottubru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |